MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1059/1995/1

**Philip Grima f' ismu proprju u bhala proprjetarju ta' Malcit Steamship & Airline Company**

**Vs**

**Charles Azzopardi ta' Azzopardi Fisheries**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-28 ta' Lulju 1995 li bih l-attur *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fid-29 ta' Mejju, 1991 kien sar ftehim verbali bejn l-attur u l-konvenut dwar konsenji ta' hut sabiex jigu esportati l-Gappun, skond liema ftehim il-konvenut kien responsabbli ghall-ippakkjar u trasport sa l-ajruport, filwaqt li l-*air freight shipment* kien responsabbli ghalih l-attur; u

Premess illi fil-frattemp l-istess konvenut kien qed juza l-agenzija ta’ l-attur biex jiehu biljetti ta’ l-ajru inkluza akkomodazzjoni, u dan ghaqqad dak li ghandu jaghti ma’ dak li ghandu jiehu u l-attur hareg diversi konteggi f’ dan is-sens, kollha accettati mill-konvenut, hlief ghal dak li kien jirrigwarda l-prezz ta’ l-ippakkjar tal-hut li l-konvenut kien qed jikkontendi li kien ta’ Lm0.75 per kilo; u

Premess illi minn tali konteggi rrizulta li l-konvenut ghad fadallu ihallas lill-attur is-somma ta’ elfejn erba’ mija u hamsa u tmenin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm2485.65) bilanc dovut minn somma akbar ta’ erbat elef erba’ mija u tnejn u disghin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm4492.11) skond ma jirrizulta minn kontijiet maghula f’ Dicembru 1993 bejn il-partijiet, liema statements inbaghtu lill-konvenut ma’ ittra datata 7 ta’ Dicembru 1993, Dok A esebit; u

Premess li wara li interpellat ufficcajlment fl-4 ta’ Awissu, 1994, u wara laqgha li saret bil-ghan li l-kwistjoni titranga, baqa’ ma intlahaqx ftehim;

Talab ghalhekk l-attur *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta’ l-attur fis-somma bilancjali ta’ elfejn erba’ mija u hamsa u tmenin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm2485.11) skond il-konteggi maghmula;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma bilancjali fuq imsemmija jew somma ohra li tigi stabbilita minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali ta’ l-4 ta’ Awissu 1994 u bl-imghaxijiet mid-data tal-pagament dovut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *proprio et nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut, ipprezentata fl-1 ta’ Novembru 1995 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Preliminarjament illi Malcit Steamship & Airline Company m’ ghandhiex personalita guridika kif titlob il-ligi u konsegwentement m’ ghandhiex *locus standi* f’ din il-kawza;

2. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu li l-konvenut hu debitur ta’ l-attur;

3. Illi mhux minnu dak li allega l-attur illi f’ Dicembru 1993 saru konteggi bejn il-partijiet u li rrizulta bilanc ta’ Lm4492.11 stante illi l-konvenut kien informa dettaljatament lill-attur permezz ta’ ittra datata 20 ta’ Jannar 1994 (Dok. A) fejn il-konteggi ta’ l-istess attur kienu zbaljati;

4. Illi skond l-anness prospett markat Dok. B jirrizulta illi f’ Jannar 1994 l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur kien ta’ Lm2006.46 liema ammont fil-fatt thallas permezz ta’ *cheque* datat 1 ta’ Frar 1994;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikajrazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-1 ta’ Marzu 1995 li jindika li l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu wara li l-attur kkonferma li hu proprjetarju ta’ l-azjenda imsemmija;

Rat id-digriet tat-18 ta’ Novembru 1997 li permezz tieghu gew nominati bhala periti gudizzjarji Dr. Mark Chetcuti u John Bonnici biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta’ l-

eccezzjonijiet, u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni tal-periti nominati li tinsab a fol. 133 *et sequitur* tal-process u li giet minnhom debitament konfermata fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2005;

Rat l-Affidavits esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2005;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Ma jidherx li jkun inopportun jekk b' introduzzjoni ghall-kaz in ezami jigi anke hawn ripetut dak li hu sew maghruf, u cjoe, li in linea ta' principju generali, kull ftehim jikkonsisti fil-manifestazzjoni tal-volontajiet tal-partijiet kontraenti konfluwiti f' rapport unitarju. Naturalment, biex wiehed jara jekk ftehim specifiku giex realizzat, jokkorri li jigu investigati d-dikjarazzjonijiet rispettivi tal-partijiet u s-sinjifikat oggettiv ta' l-istess dikjarazzjonijiet. Dan ir-riljev qed isir in kwantu, kif saput, il-vinkolu kontrattwali, u allura wkoll l-impenn assunt mill-partijiet, jitwieled mal-perfezzjoni tal-ftehim fuq l-elementi kollha tieghu, kemm principali, sekondarji u accessorji. S' intendi, dan dejjem sakemm il-partijiet ma jkunux ukoll liberament qablu xort' ohra u rrizervaw certi punti tal-ftehim ghal data fil-futur;

Premessa din il-preliminari, fil-kaz konkret dak li jenhtieg li jigi verifikat huwa jekk fil-kontrattazzjoni bejn il-kontendenti jirrizultawx integrati u kjarament definiti l-pattijiet negozjati u li taw lok ghar-rapport guridiku ta'

bejniethom. Dan hu hekk mehtieg ghaliex huwa bil-wisq evidenti illi bejn il-kontendenti tezisti kontestazzjoni u li, sfortunatament, kif tghallem l-esperjenza, inqalghet, ghaliex il-partijiet, jew wiehed fosthom, ma jkunux iddefinew u approfondew sew xi terminu jew patt tal-ftehim, b' mod li jevitaw kwestjonijiet wara;

Huwa utili li jigu kalendati qabel kollox il-fatti saljenti li gejjin:-

(1) Hemm qbil bejn il-kontendenti illi fid-29 ta' Mejju 1991 l-attur ikkuntratta lill-konvenut biex dan jiehu hsieb itella' l-hut (tonn) mix-xatt wara li jitnizzel minn fuq il-vapuri, inaddfu, jaghmel l-imballagg tieghu skond il-prattika uzwali, u jitrasportah l-airport biex jigi esportat;

(2) Hlief ghal xi hsara zghira li l-attur jattribwixxi lill-konvenut ghal fatt li f' partita minnhom kien dab is-silg, ma tirrizulta ebda kontestazzjoni illi l-konvenut ma adempiex l-obbligazzjonijiet kontrattwali tieghu;

(3) Il-veru kuntrast bejn il-kontendenti jirrigwarda l-prezz akkordat ghall-operazzjonijiet fuq dettaljati u ezegwiti mill-konvenut. Ghall-konvenut l-ftehim kien ta' hamsa u sebghin centezmu (75c) kull kilo. L-attur minn naha tieghu, filwaqt li jikkonferma li l-konvenut talab din ir-rata bhala korrispettiv, jikkontendi wkoll illi, in vista ta' l-insistenza tieghu u tar-rapprezentant Gappuniz ghal riduzzjoni, kien gie maqbul illi l-prezz kellu jvarja skond il-kwantita tal-hut;

(4) Ma jezisti ebda diverbju bejn il-kontendenti dwar il-partita ta' sitta u erbghin (46) huta korrispondenti ghall-piz ta' 7905 kilo. Huwa accettat mill-konvenut illi f' dan il-kaz huwa kkalkola din il-partita bir-rata ta' hamsin centezmu (50c) ghax fi kliemu stess kien "lot kbir". Fuq il-kumpalment pero` ta' 18632 kilo, in kwantu spezzettati f' diversi partiti zghar ta' hut, il-konvenut zamm ferm ir-rata ta' hamsa u sebghin centezmu (75c);

(5) Hemm qbil ukoll illi l-konvenut xtara numru ta' biljetti ta' l-ajru minghand is-socjeta` attrici u ttiehed qies tal-valur taghhom fil-kontabilita` ta' bejniethom. Jibqa' l-fatt pero` illi ghal dak li jikkoncerna l-ftehim relattiv ghall-imballag u trasport tal-hut, il-kontrattazzjoni, kif ammess mill-konvenut innifsu in kontroezami (fol. 114), saret ma' l-attur personalment. Incidentalment, din id-dikjarazzjoni twiegeb sew l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u mhux il-kaz li l-Qorti toqghod tiddilunga zzejjed dwarha;

Fuq il-fatti premessi l-periti gudizzjarji jaghmlu dawn l-osservazzjonijiet fir-relazzjoni taghhom:

(i) Il-prezz pattwit kien ta' hamsa u sebghin centezmu (75c) kull kilo. L-unika koncessjoni maghmula mill-konvenut kienet li fejn ikun hemm kwantita` ta' hut f' partita wahda kien lest li jaghti discount;

(ii) Ma giex definit mill-partijiet f' hiex u f' kemm kellu jikkonsisti l-kwantita tal-hut, anke jekk il-konvenut joffri spjegazzjoni plawsibbli f' dan il-kuntest, u lanqas kemm kellha tkun ir-riduzzjoni mill-prezz fuq imsemmi;

(iii) Anke jekk l-attur kien ippressat biz-zmien biex jesporta l-hut, il-ftehim kien wiehed car u ma jirrizultax li l-konvenut accetta tnaqqis mir-rata pattwita ta' 75 centezmu kull kilo, hlief b' akkordju specjali fil-kaz ta' 7905 kilo ta' tonn;

(iv) L-attur ma kellux dritt illi minn rajh jirreduci din ir-rata ghal hamsa u sittin centezmu (65c) dwar il-kumplament tal-partita meta ma kienx hemm ftehim gdid dwar dan;

(v) L-attur ma gab ebda provi sodisfacenti ghas-sostenn tat-tnaqqis pretiz ghall-fatt allegat tad-danneggjament f' partita hut minhabba imballagg deficjenti. Tnaqqis dan li, incidentalment, dwaru, l-attur ghax hekk qabillu, ikkalkolah bir-rata ta' 75 centezmu kull kilo;

Din il-Qorti tikkonkorda pjenament ma' dawn il-konsiderazzjonijiet ta' l-esperti nominati minnha. Izzid biss dawn ir-riflessjonijiet agguntivi ta' dritt u ta' fatt:-

(1) Hi regola tradizzjonali li min jallega irid jipprova l-ezistenza ta' fatt ghalih favorevoli. F' dan il-kaz kien jaggrava fuq l-attur li jipprova b' mod adegwat, konvincenti u konklussiv illi l-prezz miftiehem ta' hamsa u sebghin centezmu (75c) kull kilo kien gie modifikat b' xi ftehim iehor sopraggunt. Dan ighodd ukoll ghall-fatt allegat tal-hsara f' partita minnhom;

(2) Gjaladarba si tratta ta' oneru, hi raguni logika-guridika illi n-nuqqas tad-dizimpenn tal-prova titraduci ruhha fi zvantagg ghall-parti hekk onerata. Dan ghaliex fatt favorevoli allegat, izda mhux ukoll provat, ihalli dan l-istess fatt fi stat permanenti ta' incertezza u din l-incertezza tirrizolvi ruhha f' dannu lil min, bhall-attur, kien hekk mghobbi bil-piz li joffri c-certezza in sostenn tal-pretensjoni tieghu;

(3) Huwa, fil-hsieb tal-Qorti, fuq l-ezami taghha tal-provi, illi l-ftehim dwar il-prezz kien wiehed univoku u ben definit fil-bidunett tal-kontrattazzjoni. Ma jidherx li kien hemm invit jew proposta li l-prezz jigi trattat differentement 'il quddiem, ad eccezzjoni ta' l-uniku kaz koinvolgenti kwantita apprezzevoli ta' hut fejn il-konvenut kien preparat jikkoncedi riduzzjoni mill-prezz pattwit ta' hamsa u sebghin centezmu. Dan il-prezz ghandu allura jircievi l-effikacja vinkolanti li jisthoqqlu u, in kwantu tali, l-attur ghandu joqghod ghal dak akkordat. Il-ftehim negozjali ghandu kontenut obbligatorju u kif jinghad fl-Artikolu 993, Kodici Civili, jobbliga lill-partijiet mhux biss ghal dak espress fih, izda ghall-konsegwenzi kollha skond il-ligi jew, fin-nuqqas, skond l-uzu u l-ekwita`;

(4) In sintezi ghalhekk, si tratta ta' kaz pjuttost tipiku ta' nuqqas ta' prova sufficcjenti ta' l-*idem placitum consensus* dwar ftehim gdid sopravvenut, hekk allegat mill-attur, izda mhux ukoll provat minnu. Kif tifhem din il-Qorti, in sintonija mal-hsieb ta' l-esperti gudizzjarji,

anzikke ta’ ftehim gdid kien x’ aktarx il-kaz ta’ decizjoni unilaterali da parte ta’ l-attur li jaghmel riduzzjoni fil-prezz imma li ma gietx accettata mill-konvenut, la espressament u lanqas implicitament;

Fermi dawn ir-riflessjonijiet, din il-Qorti ma ssibx raguni serja biex ma tadottax il-perizja u taghmel taghha r-ragonamenti li fuqhom ir-rapport peritali jinsab bazat.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi, fuq il-bazi tal-perizja, li qed tigi adoperata, u tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, tichad l-istanza ta’ l-attur, bl-ispejjez jitbatew minnu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------